# Il-Professur Ġużè Galea (1901-78)

minn

Dr. Joseph F. Grima
Ph. D., M.A., B.A. (Hons.),
Dip. Educ., M.I.M.



Niftakru qisu l-bieraħ. Dejjem liebes pulit, b'ingravata u ġlekk u ma tonqosx il-lobbja. Dejjem edukat ma' kulħadd, jitkellem b'vuċi baxxa iżda soda, b'daħka f'għajnejh u tbissima fuq fommu, u kortesija ma' kull min jiltaqa' miegħu. Interessat f'kull ma jiġri f'Ħal Qormi, impenjat f'min jaf kemm-il bord kulturali nazzjonali jew fir-raħal, dejjem għaddej minn ħaġa għall-oħra. Niftakarni fuq il-karozzi tal-linja, daqsxejn ta' student universitarju, naraħ jitla' mill-*istage*, jilmaħni u jiġi joqgħod jitkellem miegħi fuq ħaġa jew oħra. Jifraħ għax jarani ninteressa ruħi fil-kultura u miexi 'l quddiem fl-istudji tiegħi, jiftakarni mill-wiċċ għalkemm x'aktarx ma kienx jiftakar ismi. Dawn huma t-tifkiriet personali tiegħi tal-Professur Ġużè Galea, bniedem kolt għall-aħħar. Kieku kellkom tistaqsuni kif nista' niddeskrivih fi frażi waħda, kont nirrispondi bl-isem ta' wieħed mill-kotba tiegħu: ***raġel bil-għaqal***. U kieku jistaqsuni nwieġeb bl-Ingliż, ir-risposta tiegħi tkun: ***a perfect gentleman***.

## Karriera

Twieled Ħal Qormi nhar it-18 ta' Lulju 1901, iben Luigi Galea u Marija xebba Cilia, u tgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. L-ewwel studju tiegħu sar fl-iskola primarja ta' Ħal Qormi minn fejn daħal is-Seminarju (1914-17) u kompla fil-Kulleġġ San Alwiġi f'Birkirkara (1918-20). Daħal l-Università ta' Malta fl-1921, sar spiżjar fl-1925 u ggradwa bħala tabib fl-1928. Kompla l-istudji tiegħu fil-mediċina f'Londra u f'Edinburgh minn fejn kiseb id-*Diploma in Public Health*. Fil-25 ta' Arpil 1932, it-Tabib Galea żżewweġ lil Hilda Portelli u kellhom żewġ ulied, Mary Rose u Marguerite.

L-ewwel impjieg tiegħu kien fl-1929 bħala tabib fl-isptar ċentrali u ħadem ukoll fil-Lazzarett bħala tabib tal-kwarantina fejn serva sa l-1937 meta ġie nominat *Medical Officer* fid-Dipartiment tas-Sanità, xogħol li dam fih sa l-1947. Sadanittant, fit-Tieni Gwerra Dinjija, ħadem bħala tabib, kien ko-rodinatur bejn il-Gvern Ċivili u l-Kmand Militari għal-Lvant ta' Malta, fil-*Home Guard*, u membru tal-Kumitat Distrettwali tar-Rabat u ta' Birżebbuġa. Fl-1948, laħaq Tabib Anzjan fid-Dipartiment tas-Saħħa u fl-1951 inħatar Tabib Prinċipali tal-Gvern u Kap tas-Sanità (C.G.M.O.). Baqa' f'din il-kariga sakemm irtira bil-pensjoni fl-1961.

Fl-1949 Ġużè Galea sar *lecturer* tal-Fakultà tal-Mediċina fl-Università ta' Malta u laħaq professur fl-1955. Fil-fatt, serva bħala eżaminatur ta' dan is-suġġett bejn l-1947 u l-1962. Mill-1966 kien ukoll *lecturer* tal-Malti fil-Fakultà ta' l-Arti. Tul il-karriera tiegħu, irrappreżenta lil Malta f'numru ta' konferenzi u kungressi internazzjonali nklużi f'Londra, Pariġi, Ruma, Delhi u Chicago fost oħrajn. Fl-1962, x'aktarx kontra qalbu, ipperswadewh joħroġ kandidat fl-elezzjoni ġenerali tal-Partit tal-Ħaddiema Nsara fuq l-ewwel u ħames distretti elettorali (il-ħames distrett kien jinkludi wkoll Ħal Qormi). Ma marx ħażin fiż-żewġ distretti iżda ma ġiex elett u qatt aktar ma reġa' miss mal-politika.



*Ġużè Galea meta kien għadu abbati fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi.*

Il-Profs. Galea kien membru attiv f'numru, kont se nikteb bla għadd, ta' Għaqdiet inklużi dawk filantropiċi. Hawn mhux il-post li nsemmuhom kollha iżda ma nistgħux inħallu barra l-Kumitat Ċiviku ta' Ħal Qormi.

Ġużè Galea miet fis-26 ta' marzu 1978, nhar Ħadd l-Għid il-Kbir.

## Kitbiet Mediċi

Lil Ġużè Galea nafuh l-aktar bħala kittieb ta' rumanzi bil-Malti iżda rridu niftakru li l-professjoni ewlenija tiegħu kienet ta' tabib mediku u ma nistgħux ma nsemmux il-kontribuzzjoni li ta fil-qasam ta' dan il-kamp professjonali. Fil-fatt, a kreditu tiegħu nsibu diversi rapporti u *papers* li kiteb, kollha kitbiet li għamlulu ġieħ. Dawn jinkludu: *Report on the Outbreak of the Plague in Malta* (1937), *L-Ewwel Għajnuna lil min Ikorri fi Żmien ta' Gwerra* (1938), *The Typhoid Epidemic of 1943 in Malta* (1944), *Health and Design of Dwelling Houses in Malta* (1945), u numru ta' *Reports on Health Conditions of the Maltese Islands* bejn l-1951 u l-1960.

*ikompli f'paġna 117*

*ikompli minn paġna 115*

## Kittieb tal-Malti

Ġużè Galea kien jistqarr li kien ir-rumanzier u poeta Qormi Ġużè Muzcat Azzopardi li nebbħu jaddotta l-istil tal-kitba li baqa' magħruf għaliha, ir-rumanz storiku. L-imħabba li kellu għall-Istorja u l-kitba ta' lsien pajjiżu waħħadhom dawn, skond il-magħruf poeta Malti Patri Ġużè Delia, għamluh wieħed mill-kolonni l-kbar li jirfdu l-istorja tal-Letteratura Maltija.

Tħajjar jikteb l-ewwel novella tiegħu fl-1926 meta kien għadu student tal-Mediċina u, bin-novella qasira *Hena u Gid*, rebaħ konkors imniedi mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Kittieba magħrufin komplew iheġġuh u fl-1937 kiteb l-ewwel rumanz storiku tiegħu, *Żmien l-Ispanjoli*, li rebbaħlu t-tieni premju f'konkors governattiv. Fost dawk li kkonkorrew kien hemm kittieba stabbiliti b'rumanzi li baqgħu magħrufin fl-istorja tal-Letteratura Maltija. Dan l-ewwel rumanz kien strumentali biex Ġużè Galea jiġi meqjus bħala rumanzier storiku stabbilit.

Kotba oħrajn tiegħu jinkludu *San Ġwann* (1939), *Raġel bil-Għaqal* (1944), *Meta Nħaraq it-Teatru*(1946), u *Id-Dinja Rota* (1966). Dawn ix-xogħlijiet kollha jqajmu sentimenti patrijottiċi mħalltin ma' storja fittizja iżda bbażata fuq sfond storiku li seħħ tabilħaqq. F'dawn ir-rumanzi, ir-raġel Malti joħroġ bħala qalbieni, jħobb l-avventura iżda mogħni b'karattru sod b'sens qawwi ta' rġulija. Il-barrani x'aktarx jidher bħala qalil, aħrax u ambizzjuż. In-nisa huma x'aktarx ta' karattru nieqes mill-kumplessità, nisa rżina u tad-dar, x'aktarx xempji ta' nisa galbati u miġbura.

Ġużè kiteb ukoll xi poeżiji iżda hu stess ma kienx iqis lilu nnifsu bħala poeta u pprefera jkompli jikteb ir-rumanzi. Madankollu, dan is-17-il ċentinarju ta' San Ġorġ ifakkarni li Galea kien kiteb ukoll vrus biex isellem lil dan il-qaddis u m'għandi ebda dubju li, kieku għadu ħaj, żgur likien isellem b'xi versi meqjusin lill-patrun tal-knisja parrokkjali fejn fi tfulitu ta wkoll servizz bħala abbati.

Fost ix-xogħlijiet ta' Ġużè, insibu tipi oħrajn ta' kotba: kummiedja soċjali bl-isem ta' *Inkwiet fid-Dar* (1945), stejjer qosra dwar il-gwerra – *Ġrajja tal-Gwerra* (1945), ix-xogħol analitiku *Bla ħabi – X-Ray tal-Ġens Malti* (1972), u kollezzjoni ta' esejs pjuttost sarkastiċi li semmihom *Fiex Wasalna* (1974). Ma naqsux xi traduzzjonijiet: *L-Ewwel Traduzzjoni minn Dante* (1939) u *Biċċa mill-Paradise Lost ta' Milton* (1941).



*Ġużè Galea fotografat fl-1959 bid-dekorazzjonijiet li ngħata.*

## Storiku

Kienet l-imħabba tiegħu għall-istorja li wasslet lil Galea jikteb ir-rumanzi tiegħu. Iżda riċerka soda wettaq ukoll u ma użahiex biss biex sawwar l-isfond tar-rumanzi. L-ewwel kitba ta' dan il-ġeneru kellu x'jaqsam ma' Ħal Qormi: *Il-Knisja ta' Ħal Qormi – Biccia Storja* (1928) li għalkemm illum fih kummenti li m'għadhomx jgħoddu minħabba l-iżvilupp tar-riċerka, xorta waħda għandha l-importanza tagħha. Dwar Ħal Qormi nsemmi żewġ kitbiet oħrajn: *The Sea Board and Marshes of Qormi f'Melita Historica* ta' l-1958 (Vol. V Nru. 1) u *Qormi* f'*Heritage* (Vol. II, Nru. 22). Xogħol ieħor f'*Heritage* (Vol. I, Nru. 6) hu *The King's Own Band Club of Valletta* li tiegħu għamel numru ta' snin president. Ta' min jgħid li dawn iż-żewġ artikli ta' *Heritage* ġew ippubblikati wara mewtu, indikazzjoni li baqa' jikteb tista' tgħid sa l-aħħar.

Aktar xogħlijiet tiegħu nsibuhom fil-*Melita Historica* (li diġà semmejniha), rivista dwar l-istorja li toħroġ mis-Soċjetà Storika ta' Malta li tagħha għamel xi snin viċi-president: *Malta and the Second World War – A Bibliographu* (Vol. I, Nru. 1), 1952; *Documenti per servire alla Storia Medievale Maltese* (Vol. II, Nru. 3), 1952; *A Captain of the Port of Malta and a Grand Vizier of Constantinople – Their Fortunes and Friendships* (Vol. IV, Nru.1), 1964; *The Great Sieve of Malta from the Turkish Point of View* (Vol. IV, Nru. 2), 1965; *The Quarantine Service and the Lazzaretto of Malta* (Vol. IV, Nru. 3), 1966; *Before the Motor Ambulances came to Malta* (Vol. IV, Nru. 4), 1967.

Magħhom inżidu: *Żmien ir-Re Ġorġ f'Malta* (1930), *Storja Qasira ta' l-Ordni Kostantinjan ta' San Ġorġ* (1931), *Maurice Magnus: His Stay in Malta* (1943); *The Sovereign Order of Malta* (1958); u l-kitba importanti ħafna dwar *Xogħol u Snajja' ta' l-Imgħoddi* (1969). Kiteb ukoll xi bijografiji fosthom *Il-Ġiżwita Patri Indrì Schembri* (1941) li kiteb l-għanja popolari tal-Milied *Ninni, la tibkix iżjed*.

## Unuri

Mhux ta' b'xejn li Ġużè Galea ngħata diversi dekorazzjonijiet u unuri għax-xogħol fejjiedi li wettaq f'diversi oqsma. Fosthom insibu: Kavallier ta' l-Ordni ta' San Ġwann; *Pro Ecclesia et Pontefice* (P.E.P.) mill-Vatikan; membru onorarju tas-*Societe Academique d'Histoire Internationale de Paris* (fl-1935); membru ta' l-*Association de les Amis de la France* (fl-1937); membru ta' l-*Istituto di Coltura Americana-Argentina* (fl-1947); u President ta' l-Akkademja tal-Malti mill-1942 sa l-1973. Għax-xogħol tiegħu fil-gwerra ngħada d-*Defence Medal* u aktar tard, il-*Coronation Medal* tar-Reġina Elizabetta II. Il-Kunsilli Ċiviċi ta' Malta wkoll onorawh bil-Medalja ta' Mertu tad-deheb għas-servizzi li ta lill-gżejjer Maltin.

Ġużè Galea kien is-suġġett ta' teżi mressaq għall-grad tal-*Master of Arts* (M.A.) fl-Università ta' Malta minn Frans P. Mifsud fl-1973 bit-titlu *Ġużè Galea – Rumanzier* u dan meta kien għadu ħaj. Tassew li l-Professur Ġużè Galea kien iben dehen ta' Ħal Qormi u ta' Malta.